MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 849/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Bugeja sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Anthony Bugeja ( I.D. 28863 (M) )**

**Vs**

**Anthony Borg**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm521.80c) rizultanti danni subiti mill-vettura ta' l-attur misjuqa minn Mary Bugeja bin-numru ta' registrazzjoni AAL 283 li ntlaqtet mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCF 584

misjuqa mill-konvenut liema ncident sehh fi Triq ix-Xatt, il-Gzira fl-10 ta’ Dicembru, 2002.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-incident tat-traffiku gara unikament htija ta’ Mary Bugeja xufiera tal-vettura AAL 283 u bla pregudizzju ghall-premess l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni skond il-ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ John Lentini, PS 1181 Eugenio Caruana, Mariella Bugeja u Anthony Borg.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Simon Schembri ghall-atturi u Dr Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu miexjin fi Triq ix-Xatt, il-Gzira sejrin mid-direzzjoni ta’ Ta’ Sliema lejn Ta’ Xbiex. L-incident sehh qabel l-entrata lejn Manoel Island.

Il-vettura misjuqa mill-konvenut hija *heavy goods vehicle* u hija *left hand drive* u kienet fil-lane ta’ gewwa mentri l-vettura misjuqa minn Mariella Bugeja cjoe’ l-vettura ta’ l-attur, kienet fuq il-lane ta’ barra. Kien hemm hafna traffiku. It-traffiku kien miexi bil-mod hafna.

Il-konvenut isostni illi kienet Mariella Bugeja li baqghet diehla gol-vettura tieghu mentri Mariella Bugeja ssostni li fil-hin ta’ l-incident hija kienet wieqfa u l-vettura misjuqa mill-konvenut baqghet diehla ghal go fiha.
Iz-zewg vetturi kienu miexjin bil-mod hafna u ftit aktar ‘il quddiem minfejn sehh l-incident it-triq tidjieq minn zewg lanes ghal single lane u ghalhekk hemm *funnel effect*.

Illi fic-cirkostanzi partikolari dan mhux kaz ta’ *overtaking* izda ta’ dixxiplina fis-sewqan u f’cirkostanzi simili meta t-traffiku jkun miexi bil-mod u meta zewg lanes jigu ghal lane wiehed u jkun miexi *at a snails pace*, bhalma kien fil-kaz odjern, il-prattika hija illi l-vetturi jiehduha *by turn*, wiehed wara l-iehor skond min ikun quddiem min.

Illi ghalhekk li huwa determinanti ghall-kawza odjerna huwa min kien quddiem min fil-mument li sehh l-incident.

Dan in-*nodus* huwa determinat mill-isketch li juri kif spiccaw il-vetturi wara li sehh l-incident ikkombacjat mar-ritratti tal-hsarat tal-vettura ta’ l-attur.

Huwa evidenti mir-ritratti illi l-hsarat fil-vettura ta’ l-attur huma zbrixx fis-sens illi m’huwiex semplici habta izda hsara li tigbed ghat-tul.

Mill-mod kif spiccaw il-vetturi jidher illi biex sehhet din il-hsara, bilfors li l-vettura misjuqa minn Borg giet minn wara l-vettura ta’ Bugeja fis-sens illi fil-mument ta’ l-impatt, huwa kien zgur miexi b’aktar velocita’ mill-vettura misjuqa minn Bugeja u laqatha zbrixx minn wara ghal quddiem. Huwa mpossibbli illi fil-mument ta’ l-impatt il-vettura ta’ Bugeja kienet qieghda taqbez il-vettura tal-konvenut Borg u dan billi, kieku kien hekk, il-vetturi ma kienux jispiccaw kif huma murin li spiccaw fuq l-isketch izda l-vettura ta’ l-attur kienet tkun aktar ‘il quddiem.
Jirrizulta li fil-mument tal-habta, l-konvenut ghall-bidu lanqas biss induna li laqat il-vettura ta’ Bugeja, li da parti taghha tant bezghet meta ntlaqtet li qabdet u harget mill-karozza u bdiet tghajjat.  Kien hemm li l-konvenut irrealizza li habat.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt li l-kawza prossima tal-kollizjoni hija li fil-mument ta’ l-impatt il-konvenut, li kien qed isuq vettura kbira u li hija *left hand drive* ma ndunax li kien hemm il-vettura misjuqa minn Bugeja quddiemu u baqa’ diehel go fiha.  Huwa ma kienx qed izomm *a proper lookout* fil-mument ta’ l-incident fejn proprju kellu jzomm il-massima attenzjoni.

Ghar-rigward tad-danni, dawn gew sodisfacentement pruvati bid-dokumenti esebiti li jinsabu a fol 15 tal-process ‘il quddiem u gew debitament ikkonfermati bil-gurament minn John Lentini.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament b’tort tal-konvenut Anthony Borg u jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ hames mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm521.80c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------